19 ta' April, 1951.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Anthony Borg ne. *versus* Roger Sciberras

**Arrest Personali — Dolo — Frode — Dikjarazzjoni fiċ-Ċitazzjoni.**

*Għalkemm ma hux rjetat li wieħed jipprovoka dikjarazzjoni ġudizzjarja li tista' sservi biss bħala bażi għal ġudizzju li għandu jiġi propost, hemm bżonn però li dik id-dikjarazzjoni tiġi proposta in via prinċipali, u mhux bħala formulativa ta' domanda annessa.*

*Għaldaqstant, jekk il-kreditur jitlob il-kanonizzazzjoni ta' kreditu tiegħu kontra d-debitur, il-Qorti ma għandhiex tippronunzja ruħha dwar jekk il-konvenut huwiex debitur b'dolo jew frode, jekk ma tkunx intalbet dik id-dikjarazzjoni in via prinċipali.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine ppremetta illi l-konvenut jinsab debitur ta' l-attur fis-somma ta' £60. 16. 8, prezz ta' l-oġġetti indikati fil-lista Dok. A; illi dana d-debitu tal-konvenut huwa kwalifikat bid-dolo u bil-frode, stante li l-konvenut kellu jbiegħ dawk l-oġġetti għannom ta' l-attur, għalkemm il-prezzijiet relativi ġew fissati b'mod li jitħalla profitt għalih, kif huwa effettivament għamel u inkassa l-prezz tagħhom mingħajr ma kkonsenjah lill-attur; u illi d-debitur ġie inutilment interpellat biex iħallas l-ammont dovut b'ittra uffiċjali tad-19 ta' Ġunju 1950; u talab li, wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, il-konvenut, previa d-dikjarazzjoni li huwa debitur ta' l-attur b'dolo u frode stante li approprja ruħu indebitament minn flus appartenenti lill-istess attur, jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £60. 16. 8, flus li huwa inkassa akkont ta' l-attur mill-bejgħ ta' l-oġġetti kollha indikati fil-lista Dok. A, b'riżerva ta' kull azzjoni oħra lill-attur kompetenti. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uf-

fiċjali tad-19 ta' Ġunju 1950, u bil-lukri kummerċjali minn d'na d-data, kontra l-konvenut li jibqa' mħarrek għas-subizzjoni;

Fil-kontumaċja tal-konvenut;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Id-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni hi dik tal-kanonizzazzjoni tal-kreditu reklamat. Dina d-domanda ġiet sostnuta bix-xhieda ta' l-attur u ta' l-Avukat Dr. Gatt; minn liema xhiediet jirriżulta li l-konvenut ħa l-merkanzija elenkata fid-distinta fol. 4 għak-kreditu, minn għand id-ditta attriċi, biex ibegħha. Fil-fatt biegħha, verosimilment bi profitt għalih, u ma ħallasx lid-ditta attriċi;

Fiċ-ċitazzjoni hemm mitluba wkoll id-dikjarazzjoni preambula li l-konvenut huwa debitur ta' l-attur b'dolo jew frode;

Issa, għalkemm ma hux vjetat li wieħed jipprovoka dikjarazzjoni ġudizzjarja li t'sta' sservih ta' bażi għal ġudizzju li għandu jiġi propost, hemm bżonn, però, li dikjarazzjoni simili tiġi proposta in vija prinċipali, u mhux bħala formulativa ta' domanda ommessa (P.A. 7 ta' April 1880, "Scicluna vs. Rocco Peralta"; P.A. 27 ta' Novembru 1901, "Vella vs. Xuereb");

Issa, f'dana l-każ, id-dikjarazzjoni fuq imsemmija ma hix proposta in vija prinċipali, u mhix lanqas preambula jew formulativa tad-domanda fil-fatt proposta, li hi ta' sempliċi kanonizzazzjoni li fiha dik id-dikjarazzjoni ma tidħolx. Dik id-dikjarazzjoni, fil-verità, hi formulativa ta' domanda għal issa ommessa jew sospiża, ċjoè dik ta' l-arrest personali. Bħala tali, il-Qorti ma tistax tqisha, u għalhekk ma hix qiegħda tagħmilha;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' d-domanda fis-sens li tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur is-somma ta' £60. 16. 8. bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Ġunju 1950, u bil-lukri kummerċjali minn din id-data, ċjoè mid-19 ta' Ġunju 1950.